MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR. JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta ta' l-20 ta' Jannar, 2003

Avviz Numru. 750/1999/1

**F.X.B. Limited**

**vs**

**John Urpani u b'digriet tat-28 ta' Gunju 2001 l-avukat Dottor Peter Fenech LL.D. gie nominet kuratur deputat sabiex jirrapresenta lill-assenti John Urpani.**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih is-socjeta attrici talbet sabiex il-konvenut jghid il-ghaliex ma ghandux jigi kundannat li jhallas lill-istess socjeta attrici s-somma ta' Lm967.69,0 liema somma tirrapresenta prezz ta' merkanzija lill-konvenut mibjguha u kkonsenjata.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra bonarja tat-22 ta' Lulju, 1998 u ta' l-ittra ufficjali tad-29 ta' Settembru 1998, spejjez tas-sekwestru tat-30 ta' Ottubru, 1998 u bl-imghaxijiet

legali mid-data tal-konsenja sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-konvenut proprio et nomine li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-kuratur deputat nominat sabiex jirrappresenta lill-assenti John Urpani, l-Avukat Dottor Peter Fenech u li bih eccepixxa (fol 17 tal-istess atti).

1. Li hu mhux edott mill-fatti u jirriserva li jipprezenta eccezzjonijiet ulterjuri skond il-kaz hekk kif jikkominuka mal-konvenut.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat

Illi, kif jidher a fol 22 tal-atti, xehed Mark Attard in rappresentanza tas-socjeta attrici li , taht gurament ikkonferma li l-konvenut nomine kellu jaghti lis-socjeta attrici s-somma ta’ Lm420. Difatti wara li kien gie presentat l-avviz in esami, l-konvenut kien ghamel pagamenti akkont kif ukoll kien hareg erba’ “cheques post-dated” ammontanti bhala valur globali, ghal Lm420. Dawn ic-“cheques” jinsabu esebiti mal-atti a fol 24 (ara ukoll in-nota ta’ riduzzjoni a fol 25 ibid).

Ikkunsidrat

Illi, ghalhekk, it-talba attrici ghandha tigi akkolta in rigward l-ammont kif ridott.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tilqa’ t-talba attrici kif ridotta u tikkundanna lill-konvenut fil-kwalita’ tieghu premessa sabiex jhallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ Lm420 bl-imghax legali mid-29 ta’ Settembru 1998 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra bonarja tat-22 ta’ Lulju 1998 , tal-ittra ufficjali tad-29 ta’ Settembru 1998 u tal-mandat kawtelatorju ta’ sekwestru tat-30 ta’ Ottubru 1998.

---------------------------------TMIEM---------------------------------